MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 267/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Joseph Urry**

**Illum 18 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Urry ta' 37 sena, iben Lionida nee` Urry, imwieled Rahal Gdid fl-25 ta' Settembru 1967 u residenti 36, Triq id-Duluri l-Isla, detentur tal-karta ta' identita` bin-numru 387567M gie akkuzat talli fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xhur ta' Awissu u Settembru 2003,

b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ACE module (serial number: 431) liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Minghajr awtorizzazzjoni ghamel reat kontra l-uzu mhux dovut tal-*Computer* waqt illi kien impjegat ma’ l-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku (PTA) billi gharraq it-thaddim ta’ xi sistema, software jew l-integrita` jew affidabilita` ta’ xi data; u bill installa, nehha, biddel, ikkancella, qereq, varja jew zied ma’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg cioe` id-data kontenuta u dan bi ksur ta’ l-artikoli 337C(1)(e) u 337(1)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn Lm500.00 u inqas minn Lm1,000.00 ghad-dannu tal-kumpanija Awtorita` tat-Trasport Pubbliku; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li m’ghandux htiega ta’ avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat rigward id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u l-imputat rega’ wiegeb li m’ghandux htiega ta’ avukat.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok KB 3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Kevin Borg iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li kif jirrizulta minn Dok KB 5 l-imputat ghamel ftehim mal-parte civile ghall-hlas li l-imputat ghandu jaghmel lill-parte civile.

Rat l-artikoli 18, 325(1)(b), 337C(1)(e), 337C(1)(g), 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Urry, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Kevin Borg iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija u li kif jirrizulta minn Dok KB 5 l-imputat ghamel ftehim mal-parte civile ghall-hlas li l-imputat ghandu jaghmel lill-parte civile u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Joseph Urry ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum l-imputat Joseph Urry jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Urry l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------